**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 227/2023 RM**

**Malta Union of Teachers u Marco Bonnici**

**-Vs-**

**Union of Professional Educators u Graham Sansone**

**Illum, 18 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-Malta Union of Teachers u Marco Bonnici fir-Reġistru tal-Qorti fis-17 ta' Novembru 2023 fejn talab li Malta Union of Teachers u Marco Bonnici jkunu kkundannati li prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment ieħor opportun , inkluż illi toħorġu irtirar uffiċjali tad-dikjarazzjonijiet libellużi magħmula fil-konfront tal-MUT fix-xahar ta' Novembru 2023, inkluż, u b'mod speċjali tal-11 ta' Novembru 2023 tramite l-artikolu msejjaħ:
"Why Have Educators Been Called to Strike on the 27th November?"

Imsejħin ukoll sabiex tippubblikaw apoloġija fil-konfront tal-MUT, u tħallsu s-somma li jogħġobha tillikwida din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni kontemplati fl-artikolu

9 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' danni in riparazzjoni tal-libell b'konsegwenza ta' artikolu ppubblikat u ċċirkulat.

Dan peress illi l-konvenuti huwa l-awturi u l-persuni responsabbli għall-pubblikazzjonijiet fuq is-sit elettroniku tal-UPE, fejn permezz tagħha f'okkażjonijiet diversi matul l-aħħar żmien, u b'mod partikolari fil-11 ta' Novembru 2023, bil-pubblikazzjoni aċċessibli minn fuq il-link: https://upe.mt/why-have-educators-been-called-to-strike-on-the-27th-november/ intom, bil-ħsieb illi tagħmlu ħsara lir-rikorrenti, immalafajtu u illibellajtu lil MUT b'asserzjonijiet inveritieri, kif sejjer del resto jiġi ippruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, liema malafama saret bl-għan li tellef jew tnaqqas ir-reputatzzjoni tar-rikorrenti, billi ġiet attakata l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni tal-MUT, kif ukoll tar-rappreżentanti tagħha, inkluż il-President tal-Union rikorrenti bi ksur tal-Artikoli 3 u/jew 16 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tali pubblikazzjoni hija msejsa fuq dikjarazzjonijiet inveritieri dwar l-MUT bl-intiża li jxerrdu għajdud inveritieri bl-għan li jtellfu l-kreddibilita' tar-rikorrenti mal-pubbliku u b'mod speċjali mal-membri tagħha u ma' membri prospettivi tagħha.

Il-konvenuti m'eżercitawx id-diliġenza mitluba qabel ma pie ppubblikat materjal malafamanti u tant illi l-malafama ppubblikata mill-intimait hija waħda kkunsidrata a' natura gravi u waħda li tilħaq udjenza speċifika (fosthom edukaturi), kif ukoll ġiet riprodotta minn diversi gazzetti u 'newsportals' oħra, fosthom: it-Times of Malta, Malta Today, Newsbook u The Malta Independant, u li għalhekk tista' tagħmel ħsara kbira lir-reputazzjoni tar-rikorrenti esponenti.

Ir-rikorrenti talab ghalhekk illi l-intimati jiġu kkundannati jħallsu lir-rikorrenti dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, f'ammont li ma jeċċediex il-ħdax il-elf, sitt mija u erbgħin Ewro (€11,640) ai termini tal-Artikolu 16 tal-Kap 579 tal-liġijiet ta' Malta, u dan b'riserva għal kull danni ulterjuri li jistgħu jiġu subiti għal pubblikazzjoni tagħhom.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti ppreżentat fir-Reġsitru fil-5 ta' Dicembru 2023, fejn ġie eċċepit:-

"*Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda billi:*

1. *Il-pubblikazzjoni tammont ghall-fair comment;*
2. *Il-pubblikazzjoni de quo hija dikjarazzjoni ta' opinjoni onesta tal-esponenti dwar materja ta' interess pubbliku;*
3. *Il-pubblikazzjoni kienet, jew kienet tifformam parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku u l-konvenut reġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Bl-ispejjez".

Rat id-digriet mogħti fl-4 ta' Diċembru 2023 fejn għall-fini tal-artikolu 10 tal-Kap. 579 qieset li l-kawża ma tistax tiġi deċiża permezz ta' medjazzjoni jew ftehim bejn il-partijiet;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. L-atturi, Marco Bonnici kif ukoll il-Malta Union of Teachers (MUT), qegħdin jimpunjaw l-istqarrijiet li ġew ippubblikati mill-unjin rivali tagħha, Union of Professional Educators (UPE), senjatament l-istqarrija ppubblikata fil-11 ta' Novembru 2023 fuq is-sit elettroniku bl-isem '*Why Have Educators been called to Strike on the 27th November 2023?*'[1].

Il-Qorti tibda biex tosserva illi minkejja li fir-Rikors promotur ġie premess mill-atturi illi l-konvenuti għamlu "*dikjarazzjonijiet libellużi … fil-konfront tal-MUT fix-xahar ta' Novembru 2023 inkluż, u b'mod speċjali tal-11 ta' Novembru 2023*", ma talbu l-impunjazzjoni ta' ebda pubblikazzjoni oħra għajr dik tal-11 ta' Novembru 2023 u naqsu wkoll milli jindikaw id-data jew dati tal-pubblikazzjonijiet oħrajn allegatament malafamanti. Il-Qorti tirribadixxi, kif del resto riteniet diversi drabi qabel, illi f'azzjoni għal malafama, il-malafama għandha tiġi identifikata u impunjata espressament fl-att promotur tal-azzjoni, u pubblikazzjonijiet oħrajn li m'humiex imsemmija speċifikatament fit-talba ma jistgħux jirrientraw fl-istħarriġ ġudizzjarju dwar l-allegat malafama. Konformement, mhux permessibbli għall-persuna aggravata li matul il-kors tal-proċeduri tipprova timpunja pubblikazzjonijiet oħrajn mhux imsemmija fir-Rikors promotur u li ma jkunux ġew identifikati u impunjati bħala libellużi, u ma jifformawx parti mit-talba. Dan qed jingħad ukoll għaliex matul is-smigħ tal-provi, l-atturi ressqu wkoll bħala prova diversi pubblikazzjonijiet li saru fuq *news portals* diġitali fil-11 ta' Novembru 2023[2], fejn ġie rapportat il-pożizzjoni meħuda mill-UPE fir-rigward tal-azzjoni industrjali mħabbra mill-MUT, kif ukoll ġew riprodotti diversi siltiet mill-istqarrija pubblikata fuq is-sit elettroniku tal-UPE,

---

[1] Link https://upe.mt/why-have-educators-been-called-to-strike-on-the-27th-november/

[2] www.independent.com.mt 'Business as usual' for around 3,000 UPE members instructed not to strike on 27 November'; www.maltatoday.com.mt 'UPE will not be joining MUT's strike on 27 November'; https://newsbook.com.mt 'UPE will not particpate in MUT's strike'; https://timesofmalta.com 'UPE says it will not join teacher's strike on November 27'; https://one.com.mt 'l-UPE mhux sejra tipparteċipa fl-istrajk imsejjaħ mill-MUT'.

impunjata f'din il-kawża. L-atturi ressqu wkoll fl-atti, permezz tax-xhud Christopher Vella, artikolu ieħor datat 8 ta' Novembru 2023 intestat '*Confidential Information Unveiled*' (Dok. CV1) u ġie allegat li dan fih dikjarazzjonijiet foloz.

Konformement, mhux sejrin jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet mertu tal-azzjoni odjerna, dawk li ma ġewx identifikati u impunjati espressament fir-rikors promotur u l-Qorti sejra għalhekk tistħarreġ biss in-natura diffamatorja o meno tal-pubblikazzjoni li saret fil-11 ta Novembru 2023 fuq is-sit elettroniku tal-UPE (Dok. A).

L-atturi jsostni li s-segwenti brani fil-pubblikazzjoni tal-11 ta' Novembru 2023 huma malafamanti fir-rigward tagħhom:-

*"The Malta Union of Teachers is only negotiating working conditions and allowances, not the basic salary"*

*"The basic salary will remain unchanged until the end of 2024 as it is a separate agreement between all trade unions and the State"*

*"Yesterday the MUT announced that a strike will occur on the 27th November ... this has been anticipated by the UPE Wednesday 8th, following discussions with insiders from the Ministry and the MUT, who spoke to the UPE on condition of anonymity.*

*"According to information released by the UPE, inside rumors suggest that the MUT has already accepted the financial proposals offered by the State. (Increase in allowances not on basic salary), and that this strike is merely a demonstration of power for the MUT and its President to assert their relevance"*

*"Can MUT reassure us that no further reforms will be introduced after the agreement? This concern arises from numerous reforms introduced after the 2017 agreement through side agreements with the MUT without the knowledge of their members"*

*“The UPE desires for educators to exercise critical thinking, as educators have a reponsability to seek further clarification. One cannot blindly follow self-centered leaders into losing a day's salary without knowing the exact reason for the strike”*

*“The UPE also wishes to highlight that the MUT and Government are presently negotiating an illegitimate agreement, as the UPE holds the majority of Learning Support Educators (LSEs) and should be the party negoatiating on their behalf.”*

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-pubblikazzjoni impunjata mill-atturi saret minn unjin li wkoll tirrappreżenta għalliema u edukaturi oħrajn, waqt konferenza għall-istampa li saret fil-11 ta’ Novembru 2023, liema pubblikazzjoni ttellgħet ukoll fuq is-sit elettroniku tal-UPE. Il-Qorti fehmet illi dan sar b’rejazzjoni għat-tħabbir mill-MUT permezz ta’ stqarrija għall-istampa maħruġa fl-10 ta’ Novembru 2023[3], ta’ azzjoni industrjali. Din l-azzjoni indistrjali kienet tikkonsisti f’sett ta’ direttivi għall-membri tal-MUT fl-iskejjel tal-Knisja u l-iskejjel tal-Istat, liema gdirettivi kellhom jidħlu fis-seħħ fit-13 ta’ Novembru 2023, kif ukoll *strike* ta’ ġurnata li kien ippjanat li jseħħ fis-27 ta’ Novembru 2023. Skont l-atturi, dawn il-miżuri ttieħdu għaliex in-negozjati li kienu għaddejjin matul medda ta’ diversi xhur bejn l-Istat u l-Kunsill tal-MUT biex jintlaħaq ftehim settorali ġdid mal-edukaturi membri tagħha, kienu fallew. Evidentement, il-UPE ma qablitx mad-deċiżjoni tal-MUT li tieħu azzjoni industrjali u ddeċidiet li ma tikko-operax mal-MUT u ssaħħaħ l-azzjoni industrjali, u minflok idderiġiet lill-membri tagħha biex ma jimplimentawx id-direttivi u ma jipparteċipawx fl-istrike li kienet ordnata ssir fis-27 ta’ Novembru 2023. Il-pubblikazzjoni impunjata tal-11 ta’ Novembru 2023 kienet ġiet rapportata wkoll b’mod estensiv fil-midja, f’diversi artikoli pubblikati fuq gazzetti u *news portals* diġitali dakinhar stess, 11 ta’ Novembru 2023.

Minn eżami tal-provi li pproduċew l-atturi, jirriżulta li fis-6 ta’ Novembru 2023 il-Kunsill tal-MUT kien iddeċieda li joħroġ sett ta’ direttivi kif ukoll jordna *strike* ġenerali ta’ ġurnata. In segwitu, bejn is-7 ta’ Novembru 2023 u d-9 ta’ Novembru

[3] Dok. GS8.

2023, il-Kunsill iltaqa' mal-*working groups* li jirrappreżentaw gradi differenti ta' edukaturi membri tal-MUT, kif ukoll mal-membri tal-unjin, biex jiġi spjegat lilhom l-istrateġija u l-azzjoni industrjali li kien ippjanat u deċiż mill-Kunsill. Fl-10 ta' Novembru 2023, permezz ta' konferenza għall-istampa, il-MUT ħabbret id-direttivi u l-istrike lill-pubbliku.

L-attur Marco Bonniċi fisser fix-xhieda tiegħu għaliex ħassu aggravat bid-dikjarazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjoni tal-UPE u r-raġunijiet għaliex dawn għandhom jitqiesu bħala diffamatorji għalih u għall-unjin immexxi minnu. Asserixxa li l-pubblikazzjoni li saret mill-UPE, impunjatata f'din il-kawża, kienet intiża biex, permezz ta' informazzjoni falza u qarrieqa, tfixkel id-diskussjonijiet u l-azzjonijiet tal-MUT f'waqt sensittiv meta kienet qed tipprova timmobilizza l-membri tagħha, tikseb l-appoġġ tagħhom biex isegwu d-direttivi u jipparteċipaw fl-istrike, u ssaħħaħ l-effikaċja tal-azzjoni industrjali.

L-atturi jikkontendu li l-pubblikazzjoni fiha ħafna asserzjonijiet żbaljati u ineżattezzi, u tikkaġuna ħsara billi timmina l-kredibbilita' tal-MUT u tnaqqas il-fiduċja tal-membri tagħha u tal-pubbliku in ġenerali fl-integrita' u kapaċitajiet tal-uffiċjali tagħha.

Skont l-atturi, hija falza d-dikjarazzjoni li l-MUT kienet qed tinnegozja biss il-kundizzjonijiet tax-xogħol u *allowances* u mhux ukoll is-salarju bażiku, u jargomentaw illi għalkemm huwa minnu li s-salarju bażiku ma jistax jintmess, id-diskussjonijiet kienu ffokati fost oħrajn, fuq titjib fl-iskali tas-salarju bażiku tal-gradi ta' diversi membri tal-MUT, fejn it-tibdil fl-iskali ikun isarraf f'żieda tas-salarju bażiku.

Ġie mfisser ukoll mill-atturi illi huma kienu qed jinnegozjaw ftehim ġdid mal-Gvern, liema ftehim, kuntrarjament għal dak li ġie allegat fil-pubblikazzjoni impunjata, kien intiż biex jorbot il-Gvern u l-MUT u l-unjins oħrajn li magħhom kien ġie konkluż il-ftehim kollettiv, iżda mhux ukoll il-UPE.

L-atturi ċaħdu l-allegazzjoni li saret fl-istqarrija pubblikata mill-UPE, illi kien hemm informazzjoni interna li ħarġet lill-midja minn xi ħadd mill-MUT, għaliex sakemm ġiet pubblikata l-istqarrija impunjata, il-MUT kienet diġa' ltaqgħet mal-*working groups* u l-membri tagħha u ddiskutiet l-istrateġiji proposti, u għalhekk l-informazzjoni kienet diġa' fid-demanju pubbliku. Jikkontendu li din l-istqarrija jagħti x'jifhem li hemm xi informatur sigriet minn fost il-membri jew uffiċjali tal-MUT li wassal lil UPE it-tagħrif fl-istqarrija impunjata minn wara dahar l-MUT, meta dan mhux minnu.

Fir-rigward speċifikatament id-dikjarazzjoni li l-MUT kienet diġa' aċċettat il-proposti finanzjarji offruti mill-Gvern u li konsegwentement l-azzjoni industrjali mħabbra kienet intiża biss bħala "*a demonstration of power for the MUT and its President to assert their relevance*", l-atturi jisħqu li din hija ta' dannu kbir għalihom u jitfa' dell ikrah fuqhom għaliex kienet intiża biex ixxekkel ix-xogħol tal-MUT u l-isforzi tagħha biex tgħaqqad l-edukaturi kollha biex jipparteċipaw fl-azzjoni industrjali. Jikkontendu wkoll li d-dikjarazzjoni li l-proposti tal-Gvern kienu diġa' ġew aċċettati mil-MUT u ma kienx hemm iktar skop għal negozjati biex jintlaħaq il-ftehim settorali ġdid, tagħti wkoll x'tifhem li huma kienu qarrqu bil-membri tagħhom għaliex ġiegħluhom jitilfu ġurnata xogħol u paga għalxejn. L-atturi saħqu li ma kienx għadu ntlaħaq ebda ftehim mal-Gvern la dak iż-żmien u lanqas sa xaharejn wara li sar l-istrike fis-27 ta' Novembru 2023[4]. Jiċħdu wkoll l-allegazzjoni li l-MUT qatt ikkonkludiet "*side agreements*" mal-Gvern wara l-2017 u l-ftehim kollettiv tal-2017 li jiġbor fih il-ftehimiet kollha li kienu saru sa dak iż-żmien.

Ġie asserit ukoll li d-dikjarazzjoni fil-pubblikazzjoni impunjata, li l-Gvern u l-MUT qegħdin jinnegojzaw ftehim illeġittimu, ukoll wkoll malafamanti għaliex ifisser illi l-MUT qiegħda tagħmel xi illegalita' bi ħsara tal-membri tagħha meta l-fatti juru illi hija l-MUT l-unika unjin li hija rikonoxxuta mill-gradi kollha li jaqgħu taħt il-ftehim settorali.

s

[4] Fil-fatt, il-ftehim settorali ġdid bejn il-Gvern u l-MUTġie konkluż biss fil-15 ta' Lulju 2024.

Min-naħa tagħhom, il-konvenuti iġġustifikaw il-pubblikazzjoni tal-istqarrija tal-UPE fil-11 ta' Novembru 2023 billi pproduċew għadd ta' dokumenti in sostenn tad-dikjarazzjonijiet li ġew impunjati f'din il-kawża, filwaqt li l-konvenut Graham Sansone fix-xhieda tiegħu fisser fid-dettall il-fatti u r-raġunijiet li wasslu għall-pubblikazzjoni tal-istqarrija u sostna li dak kollu li ntqal huwa sostanzjalment minnu u fi kwalsiasi każ, jikkostitwixxi opinjoni onesta.

Ikkunsidrat;

Illi tibda biex tosserva illi fir-Rikors promotur, l-atturi talbu li l-konvenut jiġu kkundannati jippubblikaw apoloġija u li jirtiraw b'mod uffiċjali l-istqarrija impunjata, iżda dawn m'humiex fost ir-rimedji li huma maħsuba mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att') kontra pubblikazzjoni diffamatorja. Huwa minnu li fejn il-Qorti ssib favur il-persuna aggravata f'azzjoni għal malafama, tista' bl-applikazzjoni tal-artikolu 14 tal-Att, tordna lill-operatur jew l-editur ta' sit elettroniku li fuqu tkun ġiet ippubblikata d-dikjarazzjoni ta' malafama, sabiex ineħħi d-dikjarazzjoni minn dak is-sit elettroniku. Iżda żgur m'huwiex wieħed mir-rimedji disponibbli f'każ ta' eżitu favorevoli għall-attur, li l-awtur tal-pubblikazzjoni jiġi mġiegħel jirtira l-istqarrijiet tiegħu.

L-iskop tal-azzjoni tal-malafama hu li jipprovdi rimedju f'danni lill-persuna aggravata għall-ħsara li tkun ġiet ikkaġunata lir-reputazzjoni tagħha b'riżultat tal-pubblikazzjoni diffamatorja, u l-azzjoni m'hijiex intiża biex tinkiseb apoloġija jew biex jiġu korreġuti stqarrijiet li jkunu foloz jew mhux fattwalment korretti jew akkurati. Lanqas m'hu kompitu tal-Qorti f'azzjoni għal malafama li tiddeċiedi jekk dak li jkun kiteb il-pubblikatur għandux bżonn jiġi korreġut jew jekk kellux ikun mitkub mod ieħor jew bl-użu ta' kliem differenti minn dawk attwalment użati fid-dikjarazzjoni impunjata. Jingħad ukoll li s-sodisfazzjon personali tal-persuna aggravata u l-użu tal-azzjoni għal malafama bħala għodda biex tiġi korretta xi stqarrija li hija żbaljata jew mhux skont il-gosti u esiġenzi tal-persuna aggravata, huma mottivi li jmorru lil hinn mill-għan tal-

azzjoni għal malafama li lanqas m'hi intiża għall-otteniment ta' dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-istqarrija impunjata hija falza[5].

L-azzjoni għal malafama hija l-istrument legali għad-difiża tar-reputazzjoni li tipprovdi rimedju f'danni għall-ħsara serja kkaġunata lir-reputazzjoni. Fil-fatt, l-uniku stħarriġ li għandu jsir mill-Qorti f'azzjoni bħal din huwa maħsub għad-determinazzjoni ta' jekk l-istqarrija impunjata fihiex imputazzjoni diffamatorja li kkaġunat jew fihiex il-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persun aggravata, u fl-affermattiv il-likwidazzjoni tad-danni, xejn iktar minn hekk. M'huwiex apert lill-atturi jitolbu rimedji oħrajn apparti l-ħlas ta' danni, li m'humiex maħsuba espressament mil-liġi bħala rimedju f'azzjoni għal malafama.

Illi kif diġa' ngħad, l-atturi qegħdin jitlobu wkoll il-ħlas ta' danni morali għall-malafama, liema rimedju huwa l-uniku wieħed li tipprovdi l-liġi f'każ ta' eżitu favorevoli għall-persuna aggravata f'kawża ta' libell.

Iżda għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama, il-persuna aggravata għandha qabel xejn tipprova illi l-istqarrijiet impunjati huma diffamatorji. Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, għandu jiġi puntwalizzat illi mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata u li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

Ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, stipolat mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, hu fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-allegat malafama u jeħtieġ illi jiġi ppruvat bħala punt ta' tluq għaliex fin-nuqqas, l-azzjoni tfalli irrimedjabbilment. Tant hu fondamentali r-rekwiżit tal-ħsara serja lir-

[5] 1 Anke fil-każ fejn l-unika difiża hija l-verita', deċiżjoni favur il-persuna aggravata ma jfissirx li l-istqarrija impunjata tkun ġiet dikjarata li hija falza, iżda tammonta għal dikjarazzjoni li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-istqarrija hija l-verita'

reputazzjoni illi l-istħarriġ relattiv għandu jsir mill-qorti *sponta sua* anke mingħajr il-ħtieġa li titqanqal eċċezzjni *ad hoc*.

L-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248) għaliex il-ħsara lir-reputazzjoni li tinħtieġ biex stqarrija tista' titqies bħala diffamatorja għandha tkun xejn inqas minn ħsara li hija xejn inqas minn serja, u mhux biżżejjed xejra jew tendenza ta' xi ħsara. Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, dak li hu żgur hu illi bl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi li jridu jintlaħqu għas-suċċess tal-azzjoni għal malafama, fosthom dak ta' ħsara serja, qed ikompli jiġi msaħħaħ u mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Hawnhekk ikun opportun li ssir referenza għall-insenjament fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, in tema tal-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act 2013 (l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku) għall-azzjonabbilita' tal-malafama:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred.* ***This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were***

***communicated**. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*[6] (enfasi tal-Qorti)

Dan ifisser li bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja u telf finanzjarju serju għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni**, u għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit <u>biss</u> b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[7].

Skont Duncan and Neil, 'On Defamation', "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[8]

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as **the nature and the inherent gravity of the allegation**, whether the publication was oral or written, the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the*

---

[6] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.

[7] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.

[8] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

*publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication.*"[9]

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova tan-natura diffamatorja tal-kliem jew it-tifsira tagħhom, u bil-prova li l-impatt tal-pubblikazzjoni kien wieħed ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi, jew li jista' potenzjalment ikollu impatt ta' ħsara serja[10].

Illi kif ingħad, l-atturi jikkontendu illi l-istqarrija ppubblikata mill-unjin kompetitur tal-MUT kienet intiża biex tfixkel in-negozjati li kienu qed isiru bejn l-MUT u l-Gvern għaliex saret f'waqt delikat meta l-unjin kienet qed tipprova tħeġġeġ lill-membri biex jappoġġjaw id-direttivi u l-istrike.

Il-Qorti tibda biex tgħid illi huwa prinċipju aċċettat fil-liġi tad-diffamazzjoni illi l-intenzjoni tal-pubblikatur fil-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata hi kompletament irrilevanti għad-determinazzjoni tan-natura diffamatorja o meno, għaliex il-kejl tal-azzjoni huwa l-effett tal-pubblikazzjoni, li jrid jissarraf fi ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Kif rajna diġa', biex jiġi riskontrat effett diffamatorju, jeħtieġ li jiġi stabbilit it-tifsira ossia l-imputazzjoni mnissla mill-istqarrija u jekk din fihiex tifsira inerentement diffamatorja, u fl-affermattiv, li l-pubblikazzjoni kellha impatt ta' jew tendenza għal ħsara serja.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi l-istqarrija, moqrija fl-assjem tagħha, ma tnissel ebda imputazzjoni diffamatorja. Fehmet illi teżisti rivalita' qawwija bejn iż-żewġ unjins li huma l-uniċi żewġ unjins li jirrappreżentaw lill-edukaturi f'Malta, u l-UPE evidentement ma qablitx mad-deċiżjoni tal-istess MUT li tordna t-teħid ta' azzjoni industrjali kważi bla preċedent u, tajjeb jew ħażin, iddeċidiet li ma taddottax pożizzjoni komuni u tordna lill-membri tagħha biex isegwu l-istess direttivi u jipparteċipaw fl-istrike. Huwa ovvju illi din l-istqarrija hija espressjoni tal-kritika tal-

[9] Gatley on Libel and Slander (2013 Ed.) 2.4, pg. 39. Enfasi tal-Qorti.
[10] Din il-prova tista' ssir ukoll b'inferenza ta' fatt.

UPE tal-miżuri li ġew imħabbra mill-MUT u l-fatt illi wħud mid-dikjarazzjonijiet u asserzjonijiet magħmula fiha jistgħu ma jkunux korretti u addirittura foloz, ma jfissirx neċessarjament li huma wkoll malafamanti.

Għalkemm l-atturi jisħqu li l-pubblikazzjoni tikkaġunalhom ħsara għaliex timmina l-kredibbilita' tal-MUT u tnaqqas fil-membri tagħha u fil-pubbliku in ġenerali, il-fiduċja fl-integrita' u kapaċitajiet tal-uffiċjali tagħha, u dan permezz ta' asserzjonijiet foloz u inkorrettezzi li saru fl-istess stqarrija, il-Qorti ma tirravviża ebda kliem jew dikjarazzjonijiet fil-pubblikazzjoni impunjata li għandha tifsira inerentement diffamatorja jew li jwasslu imputazzjoni li hi diffamatorja.

Huwa ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[11], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[12], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Iżda ċertament, l-allegazzjoni li s-salarju bażiku ma kienx wieħed mill-kundizzjonijiet tal-impjieg li kien qed jiġi negozjat bħala parti mill-pakkett finanzjarju, li hemm sorsi fil-MUT li jgħaddu informazzjoni minn taħt lill-UPE, li l-MUT tinnegozja u tiftiehem mal-Gvern fuq riformi ġodda ad insaputa tal-membri tagħha u li l-MUT ma għandhiex ir-rapprezentanza leġittima tal-Learning Support Educators (LSEs), għalkemm jista' jkun li mhux korretti jew addirittura foloz, ma jwasslu ebda imputazzjoni li hi kapaċi tikkaġuna ħsara lir-reputazzjoni tal-atturi, wisq inqas ħsara li hija serja. Dan qed jingħad għaliex f'ebda waqt ma sar attakk fuq il-karattru morali tal-persuni aggravati u l-kondotta tagħhom fuq livell li jista' jimmina l-integrita' tagħhom u lanqas li jnaqqsu mill-kunfidenza u fiduċja fihom u jtappnu l-istima tiegħu f'għajnejn il-

[11] 6.10 p. 117.

[12] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

pubbliku in ġenerali[13] b'mod li: "....[they would] *imply some moral disparagement of the person which tends to lower the plaintiff in the estimation of reasonable people*"[14] u kif ukoll jolqot sostanzjalment u *"... in an adverse manner the attitude of other people toward the person*"[15].

Huwa minnu li uħud mid-dikjarazzjonijiet impunjati jistgħu jagħtu x'jifhem li t-tmexxija tal-MUT m'hijiex qiegħda tikkonduċi n-negozjati b'mod trasparenti jew effiċjenti, li ordnat azzjoni industrjali inutilment u kapriċċożament u bi ħsara għall-membri tagħha, u li ma għadx għandha l-istatus tal-unjin rapprezentattiv ta' ċertu sezzjoni tal-edukaturi. Madankollu, il-qarrej ordinarju – li f'dan il-każ għandu jitqies li huwa rappreżentattiv tal-persuni li jkollhom interess li jaqraw l-istqarrijiet rilaxxati minn unjins fis-settur tal-edukazzjoni - jaf ukoll illi ż-żewġ unjins kontendenti f'din l-azzjoni jikkompetu attivament ma' xulxin biex jattiraw iktar membri, jakkwistaw iktar saħħa ta' negozjar u jiksbu r-rappreżentanza tas-settur tal-għalliema u edukaturi biex jinnegozjaw l-aħjar pakkett għas-settur u konsegwentement huwa konxju li jeżisti, inevitabbilment, element ta' pika bejniethom. Għalhekk, meħud f'dan l-isfond, wieħed jistenna u jifhem l-attakki reċiproċi fl-isforzi taż-żewġ unjins li jsaħħu l-pożizzjoni rispettiva tagħhom fil-qasam edukattiv u jiksbu kull wieħed, ad esklużjoni tal-ieħor, is-setgħa rappreżentattiva tas-settur jew parti minnu.

Huwa wkoll evidenti li l-pubblikazzjoni impunjata tikkostitwixxi kritika minn esponent ta' unjin avversarju, tal-proċess ta' negozjar li l-istess union m'huwiex involut fiha u m'għandux viżibbilita' tal-istatus tan-negozjati u l-kontenut tal-pakkett finanzjarju li qed jiġi negozjat, u fuq kollox kritika tad-deċiżjoni tal-avversarju tiegħu biex jirkorri għal azzjoni industrjali drastika. Għalhekk wieħed jifhem mingħajr wisq diffikolta' li sejjer jappoġġja dawk l-għalliema u edukaturi li ma jaqblux ma' din id-deċiżjoni jew ma jkunux sodisfatti bil-ħidma jew deċiżjonijiet tal-unjin l-ieħor. Dan l-isfond, li joħroġ b'mod manifest anke minn qari ħafif tal-pubblikazzjoni, sejjer

[13] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*
[14] Collins, *ibid.* 6.21, pg. 120.
[15] Collins, *ibid.* 6.23. Ara wkoll **Berkhoff v Burchill** (2010) EWHC, 1414 (QB).

indubbjament jiġi meqjus mill-qarrej interessat meta jiġi biex jislet l-imputazzjonijiet imnissla mill-pubblikazzjoni moqrija b'mod sħiħ.

Fid-deċiżjoni **Jeynes v News Magazines Ltd.**, ġew stabbiliti l-kriterji li għandhom jiġu applikati biex tiġi determinata l-imputazzjoni mnissla mill-pubblikazzjoni impunjata:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2)* ***the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines.*** *He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and* ***someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available*** *(3) over-elaborate analysis is best avoided. (4)* ***the intention of the publisher is irrelevant.*** *(5) The article must be read as a whole… (6)* ***The hypothetical reader is taken to be representative of those who would read the publication in question****. (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation …' (8) It follows that it is not enough to say that by some person or another the words* *<u>might</u>* *be understood in a defamatory sense." …*"[16]

Speċifikatament, il-Qorti ma taqbilx li twassal imputazzjoni li l-uffiċjali tal-MUT qarrqu bil-membri tagħhom, anke għaliex id-dikjarazzjoni fiha nnifisha li "*inside rumours suggest*" illi l-MUT kienet diġa' aċċettat il-proposti finanzjarji magħmula mill-Gvern, hija indiskutibbilment fjakka wisq biex tkun kapaċi tnissel f'moħħ il-qarrej ordinarju imputazzjoni ta' qerq, wisq inqas meta l-qarrej ordinarju li jaqra stqarrijiet ippubblikati mill-unjins fis-settur tal-edukazzjoni, malajr jifhem illi azzjoni industrjali daqshekk drastika f'settur daqshekk sensittiv u ta' importanza fondamentali fis-soċjeta', qajla ser tittieħed b'mod kapriċċuż jew leġġer.

---

[16] Jeynes v News Magazines Ltd [2008] EWCA.

Magħdud dan il-fatt illi l-MUT u l-president tiegħu joperaw f'settur ta' interess pubbliku ġenerali, ċioe' s-settur tal-edukazzjoni, u fl-arena tad-dibattitu pubbliku, li jfisser, neċessarjament illi huma mistennija jittolleraw grad ferm iktar wiesa' ta' kritika milli hija mistennija tittollera persuna jew entita' privata. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' sikwit enfasizzat li l-protezzjoni tar-reputazzjonijiet fl-isfera pubblika jew politika, trid titwieżen kontra l-interessi tad-diskussjoni miftuħa fuq materji ta' interess ġenerali u li l-persuni li għandhom kariga pubblika jridu jittolleraw grad ferm iktar wiesa' ta' kritika tal-kondotta tagħhom mill-grad ta' tolleranza mistennija minn persuni privati. Diversament minn persuna privata, persuna li topera fl-arena tad-dibattitu pubbliku inevitabbilment jesponi ruħu għal skrutinju iktar profond ta' kliemu u l-azzjonijiet tiegħu mill-pubbliku in ġenerali u iktar u iktar minn persuni u entitajiet li jokkupaw pożizzjoni jew joperaw fil-qasam tal-istess materja ta' interess pubbliku ġenerali.

Fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[17], intqal hekk in propositu:-

*"74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61,ECHR 1999-IV).*

Il-Qorti tirribadixxi illi stqarrijiet pubbliċi li jsarrfu fi kritika bejn persuni u entitajiet li joperaw fl-arena ta' materji ta' interess pubbliku ġenerali, mingħajr ma jwasslu imputazzjoni speċifika li tattakka lill-persuna aggravata b'allegazzjoni ta' kondotta ħażina, immorali jew illegali, m'humiex kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti qajla tqis li d-dikjarazzjonijiet impunjati anke fl-assjem tagħhom, iwasslu imputazzjoni diffamatorja ċioe' imputazzjoni li tikkaġuna jew hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi. Kif taraha l-Qorti u kif

[17] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.

sewwa ġie sottomess għall-konvenuti fit-trattazzjoni finali, il-konvenuti odjerni għandhom jedd indiskutibbli li jesprimu l-kritika tagħhom dwar materji li jirrientraw sewwasew fl-isfera tal-operat tagħhom u dwar miżuri u deċiżjonijiet li inevitabbilment sejrin jolqtu wkoll il-membri tal-unjin konvenut, u li jsaqsu mistoqsijiet leġittimi dwar il-kontenut tal-pakkett finanzjarju u r-raġuni il-għala ittieħdet id-deċiżjoni li jinħarġu direttivi u jiġi ordnat *strike* ġenerali. Dan huwa manifestazzjoni *par excellence* tal-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u l-Qorti għandha teżerċita kawtela kbira qabel tasal biex tiċċensura l-eżerċizzju ta' dan il-jedd, ċensura li f'dan il-każ żgur ma tkunx f'lokha.

Ikkunsidrat;

Illi kif ġie appena stabbilit, id-dikjarazzjonijiet impunjati ma fihomx tifsira inerentement diffamatorja u lanqas inisslu imputazzjonijiet li fihom propensita' diffamatorja. Iżda l-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi m'huwiex ippruvat kif imiss anke għaliex ma nġiebet ebda prova kwalsiasi ta' xi impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni ta' xi ħadd mill-atturi bħala riżultat tal-pubblikazzjoni.

Kemm hu hekk, l-attur Marco Bonnici fix-xhieda tiegħu imkien ma fisser x'kienu l-effetti tal-pubblikazzjoni għal dak li jikkonċerna lilu personalment, b'liema mod ir-reputazzjoni tiegħu ntlaqtet ħażin mill-pubblikazzjoni tal-UPE tal-11 ta' Novembru 2023, jew f'hiex tikkonsisti l-ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu, u ma ġab ebda prova kwalsiasi li saret jew li tista' ssir ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu. Il-fatt illi id-dikjarazzjonijiet impunjati ġew ippubblikati jew rapportati f'diversi *news portals elettroniċi* f'artikoli separati, ma jistax jittieħed bħala fattur li jwassal inferenza ta' ħsara serja jew bħala prova ta' impatt ta' ħsara serja ammenoche' jiġi stabbilit qabel xejn il-karattru diffamatorju tal-istess stqarrija jew l-imputazzjonijiet imnisslin minnha, u konsegwentement f'dan il-każ odjern, ir-ripubblikazzjoni jew rapportaġġ estensiv tal-pubblikazzjoni impunjata m'huwiex rilevanti fl-istħarrig tan-natura diffamatorja o meno tal-istess pubblikazzjoni.

Fil-fatt, fid-deċiżjoni fil-każ ta' Lachaux, il-Qorti qalet ukoll illi l-kejl tal-ħsara serja għandu jiġi determinat "*by reference to the actual facts about its impact and not just to the meaning of the words*".

Iżda, fil-każ in diżamina, il-prova tal-impatt ta' ħsara fuq ir-reputazzjoni tal-attur Marco Bonnici, ukoll hija mankanti.

In kwantu, imbagħad, l-azzjoni għal malafama tmexxiet ukoll mill-Malta Union of Teachers, għandu jingħad li anke hawnhekk ma ntlaħaqx il-kriterju li huwa meħtieġ għall-azzjonabbilita' tal-allegat malafama kif propost minn din l-entita'.

Kif ingħad, l-MUT huwa trade union li, fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrjali (Kap. 452), huwa definit bħala '*organizzazzjoni magħmula għal kollox jew prinċipalment minn ħaddiema u li l-għan ewlieni tagħha hu skont ir-regoli, li tirregola r-relazzjonijiet bejn il-ħaddiema u l-prinċipali jew l-assoċjazzjonijiet ta' prinċipali'.*

Skont l-artikolu 49(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrjali:-

*Trade union u assoċjazzjoni ta' prinċipali għandhom, għall-finijiet kollha tal-liġi, jitqiesu bħala assoċjazzjoni ta' persuni u mhux bħala enti morali, iżda –*

> *(a) din tkun tista' tagħmel kuntratti;*
>
> ....
>
> *(ċ) din tkun tista' tħarrek u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li tiġi mħarrka, sew fi proċedimenti dwar proprjetà jew bażati fuq kuntratt, delitt jew kważi-delitt, jew fuq xi kawża oħra ta'azzjoni tkun li tkun;* [18]

Filwaqt li minn dan huwa indiskuss illi bħala assoċjazzjoni ta' persuni, trade union hija entita' legali li għandha personalita' ġuridika u bħala tali tista' tmexxi 'l quddiem

[18] It-'Trade Union and Labour Relations Act' UK, 1992 (s. 10) fih dispożizzjoni analoga fis-sens li huwa stipolat espressament li għalkemm union m'huwiex korp ġuridiku, għandu kapaċita' ġuridika li joqgħod f'ġudizzju fi kwalsiasi azzjoni mingħajr eċċezzjoni.

azzjoni ġudizzjarja f'isimha ta' kwalsiasi xorta, il-Qorti tqis illi dan il-prinċipju ġenerali għandu jkun soġġett għall-prinċipji tal-liġijiet speċjali li jirregolaw azzjonijiet ta' natura speċifika, fosthom il-liġi tad-diffamazzjoni u għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 49(1) tal-Kap. 452 għandhom jiġu mfissrin fid-dawl tal-prinċipji regolanti in materja tal-azzjoni għal malafama. Dan in omaġġ għall-prinċipju *lex specialis derogat generalis* fejn il-prinċipju ġenerali in materja ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu esperiti minn trade unions jinsab stipolat fil-liġi li tirregola l-operat ta' trade union, filwaqt li l-prinċipju speċjali li jirregola l-azzjonabilita' ta' azzjoni speċjali għal malafama, diversament minn kawża ta' azzjoni ġenerali, jinsab stipolat fl-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrjali.

Kif rajna, l-artikolu 3(4) tal-Att jipprovdi li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. L-istess dispożizzjoni legali mbagħad tipprovdi li fil-każ li l-persuna li tħossha aggravata bl-istqarrijiet allegatament diffamatorji, tkun korp li jopera għal profitt, il-ħsara lir-reputazzjoni ma titqiesx li hija ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.

Għandu jingħad illi l-għan tal-azzjoni għal malafama hu l-vindikazzjoni tal-ħsara kkaġunata lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet diffamatorji, u dan bil-likwidazzjoni u ħlas ta' danni morali biex jikkumpensaw għal dik il-ħsara[19]. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-unjin attur bħala l-persuna aggravata bil-pubblikazzjoni tal-konvenuti, la hi persuna naturali, ċioe' ċittadin privat jew persuna pubblika li soffriet ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha, u lanqas m'hi korp li jopera għal profitt. Tabilħaqq il-liġi tal-malafama tapplika għal soċjetajiet u korpi oħrajn li joperaw bi qligħ - anke jekk l-attivita' li tiġġenera l-profitt tkun tifforma biss parti żgħira mill-operazzjonijiet tal-korp - biex jiġi tutelat is-suċċess

[19] Blackstone, fil-kummenti tiegħu dwar il-liġi tal-malafama taħt id-Defamation Act UK (2013), jgħid illi similment għall-pożizzjoni taħt id-dritt komuni:- *"… a statement must surely still have the effect of lowering the claimant in the estimation of 'right thinking members of society generally' if it is to be defamatory".* - Blackstone's Guide to the Defamation Act 2013. (Oxford University Press, 2013) - 2.42, page 22.

kummerċjali u l-vijabbilita' ta' kumpanniji għall-benefiċċju tal-azzjonisti u impjegati tagħhom. Dan qed jingħad għaliex korp ma jistax isofri ħsara fir-relazzjonijiet soċjali tiegħu jew ħsara emozzjonali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet malafamanti, iżda jista' jsofri ħsara biss f'termini finanzjarji ċioe' fit-tnaqqis fil-valur tal-assi, inkluż *goodwill* tal-korp, liema tnaqqis issarraf fl-aħħar mill-aħħar f'telf finanzjarju. Il-ħsara lir-reputazzjoni permezz tal-malafama tiġi kkaġunata lill-individwi li kollettivament jifformaw l-assoċjazzjoni ossia it-trade union, iżda fil-każ in diżamina diġa' ġie determinat li l-azzjoni għal malafama in kwantu ġiet proposta minn Marco Bonnici, il-President tal-Union, ma tistax tirnexxi għaliex ma ġiex ippruvat il-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni.

Gatley jgħid hekk dwar il-persuni li jistgħu u li ma jistgħux iresssqu azzjoni għal malafama:-

"*While a trading corporation is clearly a 'body that trades for profit', the Act is not limited to such entities:* ***any non-natural person that trades for profit whether that is their only or merely a minor part of their purpose****, will be covered. Thus, charities may fall within the provision,* ***in so far as they are involved in trade for profit****, as may non-governmental organisations,* **trade unions** *and employers' associations, and public bodies."*[20]

Il-ħsieb wara dan l-insenjament huwa mfisser hekk minn Gatley:-

"*What seems clear is that the requirement that serious financial loss must be caused or be likely, recognises that such bodies, unlike human beings, can only be damaged in their pocket and consequently an injury must sound in money*."[21]

Għaldaqstant, fejn il-korp ma joperax għal profitt, ma jistax ibati telf finanzjarju[22].

---

[20] Intqal ukoll, iktar riċentement illi jekk il-kummerċ eżerċitat minn istituzzjoni tal-karita' jew organizzazzjoni non-governattiva jikkostitwixxi biss parti żgħira tal-operat tal-korp u tal-iskop iktar wiesa' tal-attivitajiet tiegħu u ma jkunx eżerċitat bl-iskop tad-distribuzzjoni tal-profitti lill-azzjonisti jew il-membri, dan ukoll ikun biżżejjed biex jirradika l-*locus standi* tal-korp għall-fini ta' azzjoni għal malafama. Enfasi tal-Qorti.

[21] Gatley, *ibid.* Second Supplement to 12th Ed. (2017) 2.8, p. 13.

Il-Qorti fliet il-'Code of Rules' tal-Malta Union of Teachers, esebit mill-konvenuti (Dok. GS16), iżda ma riskontrat ebda dispożizzjoni li tagħti x'tifhem li l-unjin huwa korp li jopera biex jiġġenera profitti u jagħmel xi qligħ mill-ħlas tat-tesseri jew l-attivitajiet tiegħu, u ma nġiebux provi li juru li għandu *goodwill*, ishma jew assi oħrajn b'valur kwantifikabbli li jista' jsofri deprezzament f'termini monetarji. Barra dan il-fatt illi lanqas ma nġiebu provi li juru li bħala parti mill-funzjonijiet tiegħu il-unjin jorganizza jew huwa involut f'attivitajiet kummerċjali maħsuba biex jiġu ġenerati fondi għal skop ta' qligħ jew biex jiġu applikati għal skop ta' qligħ. Għall-kuntrarju, il-Code of Rules tal-MUT jistipola, fil-paragrafu 61(b): "*The Funds of the MUT shall be applied for the purpose of attaining the objects of the MUT as defined by, and subject to, the provisions of these Rules.*" L-oġġetti tal-Union kif imfisser fil-paragrafu 2 tal-Code of Rules, ma jinkludix attivitajiet kummerċjali jew ir-rendiment ta' qligħ u imkien ma jinsab stipolat li l-fondi tal-unjin għandhom jiġu applikati biex jiġġeneraw profitti jew investiti għall-benefiċċju tal-membri[23].

Huwa immaterjali li l-pubblikazzjoni impunjata setgħet bħala fatt tinċidi negattivament fuq l-abbilita' tal-unjin li jibqa' jżomm il-fiduċja tal-membri eżistenti tiegħu jew jiġbed membri ġodda, jekk ma jinġiebx provi dwar dan u jekk jintweriex <u>ukoll</u> li dan kapaċi jkollu jew kellu bħala fatt, impatt negattiv fuq il-vijabbilita' ekonomika tal-istess unjin.

**Fuq kollox, u fi kwalsiasi każ, anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-MUT huwa korp li jopera għal profitt, anke hawnhekk l-atturi naqsu b'mod assolut milli jressqu l-prova tat-telf finanzjarju serju li jeħtieġ li jiġi ppruvat għas-suċċess tal-azzjoni għal malafama mibdija minn korp li jopera għal profitt taħt l-artikolu 3(4) tal-Att, liema kriterju huwa l-ekwivalenti għall-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni ta' individwu ossia persuna naturali. Kemm hu hekk,**

---

[22] "*It is suggested that the better view may be that if the activities of a charity or similar organisation include trading for profit they should be treated as falling within s.1(2)*". Gatley, *ibid.*

[21] Barra dan il-fatt illi ħadd ma xehed biex ifisser kif in-nuqqas ta' tesserati tista' tiddanneġġja l-operat tal-MUT u tikkawża telf finanzjarju li huwa serju.

**f'ebda waqt ma ġie allegat mill-atturi illi naqsu t-tesserati jew membri tal-unjin in segwitu għall-pubblikazzjoni tal-istqarrija malafamanti, jew li l-unjin ma rnexxilux jattira membri ġodda bl-istess ritmu ta' qabel u li konsegwentement tnaqqas id-dħul tiegħu mill-ħlas tat-tesseri, jew ma setax ilaħħaq l-għanijiet u l-oġġettivi tiegħu kif imfisser fil-Code of Rules**.

Għaldaqstant, anke jekk kellu jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet ippubblikati mill-konvenuti jew minn xi ħadd minnhom tassew iwasslu imputazzjoni li hi diffamatorja għall-MUT – ipotesi li ġia' ġiet eskluża – din ukoll m'hijiex azzjonabbli taħt l-Att[24] għaliex ma ġiex sodisfatt il-kriterju fondamentali l-ieħor għas-suċċess tal-azzjoni, ossia prova tat-telf finanzjarju li huwa fil-mira tal-artikolu 3(4) tal-Att.

Konsegwentement, billi l-malafama m'hijiex azzjonabbli la mill-attur Marco Bonnici u lanqas mill-MUT, mhux meħtieġ li jiġu trattatti l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u l-Qorti tista' tieqaf hawn fl-istħarriġ tagħha.

**Għal dawn il-motivi, tiċħad it-talbiet kollha ta' Malta Union of Teachers (MUT) u Marco Bonnici fir-Rikors promotur, bl-ispejjez jiġu sopportati mill-istess atturi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[24] Madanakollu, purche' jintwera li huma identifikati personalment fil-pubblikazzjoni impunjata, xejn ma jżomm lill-membri individwali tal-korp milli jressqu 'l quddiem azzjoni għal malafama għall-ħsara ikkaġunata lir-reputazzjoni personali tagħhom b'effett tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet allegatament malafamanti – kif del resto sar mill-attur Marco Bonnici f'ismu proprju.